MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2441/2003

**Godwin Gatt ezercitanti l-kummerc taht l-isem Shopline Marketing**

**Vs**

**Caroline Borg u Simon Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ Lm752.24c (seba’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ prodotti varji mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota ta’ Cessjoni pprezentata fl-14 ta’ Mejju, 2004 li permezz taghha l-attur ceda l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront ta’ Simon Borg.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm752.24c (seba’ mija u tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------